

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 782/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti
 (ĠU L 115, 9.5.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 536/2008 tat-13 ta' Ġunju 2008	L 156	10	14.6.2008
► <u>M2</u>	Regolament (KE) Nru 219/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009	L 87	109	31.3.2009



IR-REGOLAMENT (KE) Nru 782/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Il-Komunità tinsab imħassba serjament bl-effetti ta' ħsara tal-komposti ta' l-organotin użati fis-sistemi ta' l-*antifouling* (kontra l-ħaxix tal-baħar u l-organiżmi l-oħra li jikbru mal-karini tal-bastimenti), u b'mod partikolari l-kisjiet tat-tributitlin (TBT).
- (2) Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-kontroll tas-sistemi ta' l-*anti-fouling* (il-Konvenzjoni *AFS*) kienet adottata fil-5 ta' Ottubru 2001 f'Konferenza diplomatika (il-Konferenza *AFS*) miżmuma taħt il-patroċinju ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (l-*IMO*) li għaliha attendew l-Istati Membri tal-Komunità.
- (3) Il-Konvenzjoni *AFS* hija konvenzjoni qafas li jippermetti l-projbizzjoni tas-sistemi ta' ħsara ta' l-*antifouling* fuq il-bastimenti skond il-proċeduri ddefiniti tajjeb ħafna espressi fid-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp.
- (4) F'dan l-istadju, il-Konvenzjoni *AFS* tipprobixxi biss l-applikazzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti.
- (5) Dati fissi ta' l-applikazzjoni ġew inklużi fil-Konvenzjoni *AFS*: l-1 ta' Jannary 2003 għall-projbizzjoni ta' l-applikazzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti u l-1 ta' Jannar 2008 għall-eliminazzjoni tal-komposti ta' l-organotin minn fuq il-bastimenti.
- (6) Il-Konvenzjoni *AFS* trid tidħol fis-seħħ 12-il xahar wara r-ratifika tagħha minn mill-inqas 25 Stat li jirrappreżentaw mill-inqas 25 % tat-tunnellaġġ metriku fid-dinja.
- (7) L-Istati Membri għandhom jirratifikaw il-Konvenzjoni *AFS* ma' l-ewwel opportunità.
- (8) L-Istati Membri għandhom jitqiegħdu fl-aħjar pożizzjoni possibbli għar-ratifika bil-ħeffa tal-Konvenzjoni *AFS*. Għandu jiġi mneħħi kull xkiel li jista' jimpedixxi din ir-ratifika.
- (9) Il-Konferenza *AFS*, konxja li ż-żmien li jifdal sa l-1 ta' Jannar 2003 jista' ma jkunx biżżejjed għalbiex jgħin id-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni *AFS* sa din id-data, u bix-xewqa li l-komposti ta'

⁽¹⁾ ĠU C 262 E, tad-29.10.2002, p. 492.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

⁽³⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew mogħtija fil-20 ta' Novembru 2002 (għadha mhix ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Marzu 2003.

▼B

organotin għandhom jieqfu effettivament milli jiġu applikati mit-trasport bil-baħar mill-1 ta' Jannar 2003, talbet fir-Riżoluzzjoni Nru 1 tal-Konferenza *AFS* illi l-Istati Membri ta' l-*IMO* jagħmlu hilitom kollha għalbiex iħejju li jimplimentaw il-Konvenzjoni *AFS* bħala materija ta' urġenza, u ħeġġet lill-industriji rilevanti li jżommu lura mill-*marketing*, il-bejgħ u l-applikazzjoni tal-komposti ta' l-organotin sa din id-data.

- (10) Bħala segwiment immedjat tal-Konferenza *AFS* il-Kummissjoni adottat id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/62/KE tad-9 ta' Lulju 2002 li taddatta għall-progres tekniku għad-disa' darba l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar it-tqarrib lejn xulxin tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-*marketing* u l-użu tas-sustanzi u t-tħejjijiet perkolużi (il-komposti organostanniċi) ⁽¹⁾ sabiex jipprojbixxu, mill-1 ta' Jannar 2003, il-*marketing* u l-użu tal-komposti organostanniċi fis-sistemi ta' kontra l-*antifouling* għall-bastimenti kollha, irrispettivament mit-tul tagħhom.
- (11) Fid-dawl tar-Riżoluzzjoni Nru 1 tal-Konferenza *AFS*, huma meħtieġa passi addizzjonali sabiex jiġi implimentati l-miżuri li jirrigwardaw il-komposti ta' l-organotin sabiex tiġi żgurata l-abolizzjoni ġenerali tal-kisi tat-TBT użat fuq il-bastimenti fil-Komunità kollha u l-ibħra li jdawruha fid-dati pprovduti fil-Konvenzjoni *AFS*.
- (12) Regolament huwa l-istrument legali approprijat billi jimponi fuq is-sidien tal-bastimenti u fuq l-Istati Membri, direttament u fi kwadru qasir taż-żmien, il-ħtiġiet preċiżi li jridu jiġi implimentati fl-istess waqt u fl-istess manjiera fil-Komunità kollha. Dan ir-Regolament li għandu jfittex biss li jipprojbixxi l-komposti ta' l-organotin, ma għandux jidduplika l-Konvenzjoni *AFS*.
- (13) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-restrizzjonijiet fuq il-*marketing* u l-użu ta' ċerti sustanzi u tħejjijiet perikolużi (il-komposti organostanniċi) kif stabbilit fid-Direttiva 76/769 ⁽²⁾.
- (14) L-inċertezza li tirrigwarda l-projbizzjoni totali tal-kisjiet attivi tat-TBT ma għandhiex tiġi aċċettata fil-livell Komunitarju; l-industrija tat-trasport bil-baħar imferrex mad-dinja kollha għandha tiġi magħmula konxja biċ-ċar u fi żmien mistħoqq illi, mill-1 ta' Jannar 2008, il-bastimenti li jkun fihom kiswa attiva tat-TBT fuq il-buq tagħhom ma jitħallewx jidħlu iktar fil-portijiet Komunitarji.
- (15) Il-pajjiżi terzi, b'mod partikolari jekk ma jistgħux jibbenefikaw mill-valur miżjud ta' regolament supranazzjonali, jistgħu jesperjenzjaw diffikultajiet tekniċi meta tiġi imposta, permezz tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, il-projbizzjoni dwar l-applikazzjoni tal-kisjiet tat-TBT fuq il-bastimenti tagħhom mill-jum li fih il-projbizzjoni tidħol fis-seħħ b'dan ir-Regolament. L-applikazzjoni tal-projbizzjoni f'dan ir-Regolament dwar l-applikazzjoni ta' kisjiet tat-TBT għandha għalhekk tiġi sospiża rigward il-bastimenti li jbaħħru taħt il-bandiera ta' Stat terz għall-perjodu *interim* taż-żmien li jibda fl-1 ta' Lulju 2003 u jtemm fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni *AFS*.
- (16) L-Istati tal-bandiera li jkunu barrew l-użu tal-kisjiet tat-TBT fuq il-bastimenti tagħhom għandhom interess ekonomiku li jiżguraw illi l-Konvenzjoni *AFS* tidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, sabiex jiżguraw sitwazzjoni ta' l-istess livell mifruxa mad-dinja kollha. Dan ir-Regolament li jipprojbixxi, malajr kemm jista' jkun, lill-bastimenti kollha li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru milli japplikaw il-kisjiet tat-TBT, għandu jikkostitwixxi inċentiv għall-Istati tal-bandiera li jirratifikaw il-Konvenzjoni *AFS*.

⁽¹⁾ ĠU L 183, tat-12.7.2002, p. 58.

⁽²⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/3/KEE (ĠU L 4, tad-9.1.2003, p. 12).

▼B

- (17) Id-definizzjonijiet u l-ħtiġiet imposti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu msejsa, safejn u sakemm possibbli, fuq daww użati fil-Konvenzjoni *AFS*.
- (18) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tiegħu fuq il-pjattaformi lil hemm mill-kosti, dan ir-Regolament għandu applika wkoll għall-bastimenti li joperaw taħt l-awtorità ta' Stat Membru. Ma għandu japplika għal-ebda bastiment tal-gwerra jew bastimenti oħra governattivi għaladarba t-trattament ta' dawn il-bastimenti huwa kopert b'mod adegwat taħt il-Konvenzjoni *AFS*.
- (19) Li tiġi imposta, mill-1 ta' Lulju 2003, il-projbizzjoni tal-kisjiet attivi tat-TBT fuq il-bastimenti kollha li huma intitolati li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru u li s-sistema tagħhom ta' l-*antifouling* tkun għet applikata, imbidla jew mibdula wara din id-data, għandha tkun inċentiv għall-industrija tat-trasport bil-baħar sabiex timplimenta r-rakkomandazzjoni tar-Riżoluzzjoni Nru 1 tal-Konferenza *AFS*.
- (20) Huwa approprijat li jiġi stabbilit l-istess reġim ta' perizja u ċertifikazzjoni kif ipprovdut bil-Konvenzjoni *AFS*. Taħt dan ir-Regolament il-bastimenti kollha ta' 400 tunnellata metrika grossi u fuqhom, irrispettivament min-natura tal-vjaġġ tagħhom, għandhom jgħaddu minn perizja, filwaqt li l-bastimenti ta' 24 metru jew iktar fit-tul imma inqas minn 400 tunnellata metrika grossi għandhom iġorru dikjarazzjoni tal-konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-Konvenzjoni *AFS*. Il-Komunità għandu jkollha d-dritt li ddaħħal reġim armonizzat ta' perizja għal dawn il-bastimenti jekk dan jiġi ppruvat meħtieġ fi stadju iktar tard.
- (21) Rigward il-bastimenti ta' inqas minn 24 metru tul, mhux meħtieġ li tiġi pprovduta perizja speċifika jew dikjarazzjoni għaladarba dawn il-bastimenti, fil-biċċa l-kbira tagħhom qsur tar-rikreazzjoni jew tas-sajd, iridu jiġu koperti b'mod adegwat skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/769/KEE.
- (22) Iċ-ċertifikati u d-dokumenti maħruġa skond dan ir-Regolament, kif ukoll iċ-Ċertifikati *AFS* u d-Dikjarazzjonijiet *AFS* maħruġa mill-Partijiet għall-Konvenzjoni *AFS*, għandhom jiġu rrikonxuti.
- (23) Jekk il-Konvenzjoni *AFS* ma tkunx daħlet fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni għandu jkollha l-permess li tadotta l-miżuri approprijati sabiex tippermetti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat terz juru l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament, kif ukoll mal-miżuri tal-kontroll ta' l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
- (24) L-iktar reġim approprijat għall-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tal-kisjiet tat-TBT fuq il-bastimenti u l-ħtiġiet tal-Konvenzjoni *AFS* huwa dak stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsil 95/21/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 li tirrigwarda l-infurzar, rigward it-trasport bil-baħar li juża l-portijiet Komuntarji u t-tbaħħir fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, ta' l-istandards internazzjonali għas-sigurtà tal-bastimenti, il-prevenzjoni tat-tniġġiż u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien u tax-xogħol abbord (il-kontroll ta' l-Istat tal-port) ⁽¹⁾ u għandhom isiru emendi għal din id-Direttiva fiż-żmien approprijat. Wara li jiġi kkunsidrat l-iskop speċifiku għal din id-Direttiva, għandhom jiġu applikati dispożizzjonijiet ekwivalenti għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru matul dan il-perjodu *interim* taż-żmien.
- (25) Il-miżuri meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill

⁽¹⁾ ĠU L 157, tas-7.7.1995, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 53).

▼B

1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati l-poteri kkonferiti fuq il-Kummissjoni ⁽¹⁾.

- (26) Sabiex tiġi stmata l-kisba tal-mira ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tipproponi, jekk meħtieġa, kull aġġustament approprijat għal dan ir-Regolament.
- (27) Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandu jkun hekk illi jippermetti l-projbizzjoni effettiva tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti malajr kemm jista' jkun,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jnaqqas jew jelimina l-effetti negattivi fuq l-ambjent marin u s-saħħa tal-bniedem ikkaġunati mill-komposti ta' l-organotin, li jaġixxu bħal antipodri attivi fis-sistemi ta' l-antifouling użati fuq il-bastimenti li jtajru l-bandiera, jew joperaw taħt l-aworità ta' Stat Membru, u fuq il-bastimenti, tkun xi tkun il-bandiera li jtajru, li jsalpaw lejn jew mill-portijiet ta' l-Istati Membri.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-għan ta' dan ir-Regolament: l-“sistema ta' l-antifouling” (kontra l-ħaxix tal-baħar u organiżmi oħra li jikbru fuq il-karini tal-bastimenti) “tfisser kisja, żebgħa, trattament fuq il-wieċ, wieċ jew mezzi li jiġu użati fuq bastiment għalbiex jikkontrollaw jew jipprevjenu t-twaħħil ta' organiżmi mhux mixtieqa;”
2. “tunnellaġġ metriku gross” ifisser it-tunnellaġġ metriku gross ikkalkolat skond ir-regolamenti tal-kejl tat-tunnellaġġ metriku li jinsab fl-Anness I mal-Konvenzjoni Internazzjonali tal-Kejl tat-Tunnellaġġ Metriku tal-Bastimenti tas-sena 1969, jew kull suċċessur tal-Konvenzjoni;
3. “tul” ifisser it-tul kif iddefinit fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Linji tat-Tagħbija tas-sena 1966, kif immodifikata bil-Protokoll tas-sena 1988 li għandu x'jaqsam magħha, jew kull suċċessur tal-Konvenzjoni;
4. “bastiment” ifisser opra tal-baħar, ikun xi jkun it-tip tagħha, li topera fl-ambjent marin u tinkludi l-vetturi bil-*hydrofoil*, il-vetturi li jimxu fuq kuxxina ta' l-arja, is-sommersibbli, il-vetturi galleġġjanti, il-pjattaformi fissi jew li jiggalleġġjaw, l-unitajiet galleġġjanti tal-ħażna (il-FSUs) u l-unitajiet galleġġjanti tal-produzzjoni tal-ħażna u tal-ħatt (il-FSPOs);
5. “il-Konvenzjoni AFS” tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-kontroll tas-sistemi ta' ħsara ta' l-*antifouling* fuq il-bastimenti, adottata fil-5 ta' Ottubru 2001, irrappreżentat minn meta tidħol fis-seħħ;
6. “organizzazzjoni rikonoxxuta” tfisser korp magħruf skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli komuni u l-istandards għall-organizzazzjonijiet ta' l-ispezzjon u l-perizja tal-bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi ⁽²⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

⁽²⁾ ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/84/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

▼B

7. “Ċertifikat *AFS*” ifisser iċ-ċertifikat maħruġ lill-bastimenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni *AFS* jew, matul il-perjodu *interim* taż-żmien, ċertifikat maħruġ skond il-format stabbilit fl-Anness II ma' dan ir-Regolament, meta jkun maħruġ mill-amministrazzjoni ta' kull Stat Membru jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta li taġixxi f'ismu.
8. “Dikjarazzjoni *AFS*” tfisser dikjarazzjoni mfassla fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni *AFS* jew, matul il-perjodu *interim* taż-żmien, dikjarazzjoni ffirmata mis-sid jew mill-aġent awtorizzat tas-sid u mfassla skond il-format stabbilit fl-Anness III ma' dan ir-Regolament;

▼M1

- (9) “Dikjarazzjoni-*AFS* tal-Konformità Ewropea” tfisser dokument li jirreġistra l-konformità ma' l-Anness I għall-Konvenzjoni-*AFS*, maħruġ minn organizzazzjoni rikonoxxuta f'isem l-amministrazzjoni ta' Stat Membru;

▼B

10. “il-perjodu *interim* taż-żmien” ifisser il-perjodu taż-żmien li jibda fl-1 ta' Lulju 2003 u jtemm mad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni *AFS*.

*Artikolu 3***Kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:
 - (a) il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru,
 - (b) il-bastimenti li ma jtajrux il-bandiera ta' Stat Membru imma joperaw taħt l-awtorità ta' Stat Membru, u
 - (ċ) il-bastimenti li jidħlu f'port jew terminali “l barra mill-kosta ta' Stat Membru imma li ma jidħolx fil-punti (a) jew (b).”
2. Dan ir-Regolament ma għandu japplika għall-ebda basiment tal-gwerra, awżiljarju navali jew kull bastiment ieħor ippossjedut minn Stat u użat, għal issa, għas-servizz governattiv mhux kummerċjali biss.

*Artikolu 4***Il-projibizzjoni ta' l-applikazzjoni tal-komposti ta' l-organotin li jaġixxu bħala bijoċidi**

Mill-1 ta' Lulju 2003, il-komposti ta' l-organotin li jaġixxu bħala bijoċidi fis-sistemi ta' l-*antifouling* ma għandhomx jiġu applikati jew applikati mill-ġdid fuq il-bastimenti.

Madankollu, matul il-perjodu *interim* taż-żmien din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss għall-bastimenti imsemmija fil-punti (a) jew (b) ta' l-Artikolu 3(1).

*Artikolu 5***Il-projibizzjoni tal-ġarr tal-komposti ta' l-organotin li jaġixxu bħala bijoċidi**

1. Il-bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru mill-1 ta' Lulju 2003, u li s-sistema tagħhom ta' l-*antifouling* tkun ġiet applikata, imbidla jew mibdula wara din id-data, ma għandhomx iġorru komposta ta' l-organotin li jaġixxu bħala bijoċidi fis-sistemi ta' l-*antifouling* fuq il-buqijiet, jew il-partijiet esterni u l-wiċċ, għajr jekk iġorru kisa li tiffirma xkiel għal dawn il-komposti sabiex jipprevjieni t-tisfija mis-

▼B

sistema ta' l-*antifouling* li tkun imwahnha ma' taħt il-bastiment u li ma tikkonformax.

2. Mill-1 ta' Jannar 2008 il-bastimenti imsemmija fl-Artikolu 3(1) għandhom jew ma jgħorrox il-komposti ta' l-organotin li jaġixxu bħala bjoċidi fis-sistemi ta' l-*antifouling* fuq il-buqijiet jew il-partijiet esterni u l-wiċċ, jew iġorru kisja li tiffirma xkiel għal dawn il-komposti mit-tisfija tas-sistema ta' l-*antifouling* li ma tikkonformax.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-pjattaformi fissi u galleġġjanti, l-FSUs u l-FPSOs mibnija qabel l-1 ta' Lulju 2003 li ma kenux fil-baċin mingħajr ilma f'din id-data jew wara.

*Artikolu 6***Il-perizja u ċ-ċertifikazzjoni**

1. Dan li ġej għandu japplika rigward il-perizja u ċ-ċertifikazzjoni tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru:

- (a) Il-bastimenti ta' 400 tunnellata metrika grossi u fuqhom, minbarra l-pjattaformi fissi jew galleġġjanti, l-FSUs u l-FPSOs, għandu jkollhom perizja u jkunu ċċertifikati mill-1 ta' Lulju 2003 skond il-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness I, qabel ma l-bastiment jiddaħħal għax-xogħol għall-ewwel darba, jew meta jiġu mbiddla jew mibdula s-sistemi ta' l-*antifouling*.
- (b) Il-bastimenti ta' 24 metru tul jew iktar, imma inqas minn 400 tunnellata metrika grossi, minbarra l-pjattaformi fissi jew galleġġjanti, l-FSUs u l-FPSOs, għandhom iġorru Dikjarazzjoni AFS għalbiex juru l-konformità ma' l-Artikoli 4 u 5. ► **M2** Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi reġim armonizzat ta' perizja u ċertifikazzjoni għal dawn il-bastimenti. Billi din il-miżura hija mfassla biex temenda l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, hija għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2). ◀
- (ċ) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri approprijati għall-bastimenti mhux koperti bil-punti (a) u (b) sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Dan li ġej għandu japplika rigward il-konoxximent ta' ċ-ċertifikati, id-dikjarazzjonijiet u s-sentenzi dwar il-konformità:

- (a) mill-1 ta' Lulju 2003, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu kull Ċertifikat AFS;

▼M1

- (b) sas-sena ta' wara d-data imsemmija fil-punt (a), l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu kwalunkwe Dikjarazzjoni-AFS tal-Konformità Ewropea.

▼B

- (ċ) mill-1 ta' Lulju 2003, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu kull Dikjarazzjoni AFS.

Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom ikunu akkumpanjati bid-dokumentazzjoni approprijata (bħalma huma rċevuta għaż-żebgħa jew fattura tal-kuntrattur) jew ikun fihom l-endorsjar approprijat.

▼M2

- 3. Jekk il-Konvenzjoni AFS ma tkunx daħlet fis-seħħ sa [l-1 ta' Jannar 2007], il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri adatti sabiex tippermetti lill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat terz li juru l-konformità tagħhom mal-Artikolu 5. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

▼B*Artikolu 7***Il-kontroll ta' l-Istat tal-port**

Matul il-perjodu *interim* taż-żmien l-Istati Membri għandhom japplikaw dispożizzjonijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Direttiva 95/21/KE għall-bastimenti ta' 400 tonnellata metrika grossi u fuqhom li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Rigward l-ispezzjonijiet u l-kxif tal-konvenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu ggwidati mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni AFS.

▼M2

Jekk il-Konvenzjoni AFS ma tkunx daħlet fis-seħħ fl-[1 ta' Jannar 2007], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċeduri adatti għal dawn il-kontrolli. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

Artikolu 8

Sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-livell internazzjonali u b'mod partikolari fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), jew biex titjeb l-effettività ta' dan ir-Regolament fid-dawl tal-esperjenza, il-Kummissjoni tista' temenda r-referenzi għall-Konvenzjoni AFS, għaċ-Ċertifikat AFS, għad-Dikjarazzjoni AFS u għad-Dikjarazzjoni dwar il-Konformità AFS u l-Annessi ma' dan ir-Regolament, inklużi l-linji gwida rilevanti tal-IMO b'rabta mal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni AFS. Dawk il-miżuri, mfassla biex jemendaw l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 9(2).

*Artikolu 9***Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġġuna mill-Kumitat dwar Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis mill-Vapuri (COSS), stabbilit bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

▼B*Artikolu 10***Il-valutazzjoni**

Sa l-10 ta' Mejju 2004, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat tar-ratiffa tal-Konvenzjoni AFS u ttipprovdi t-tagħrif dwar safejn u sakemm il-komposti ta' l-organotini li jaġixxu bħala bijoċidi fis-sistemi ta' l-*antifouling*, għadhom jintużaw fuq il-bastimenti li ma jtajrux il-bandiera ta' Stat Membru u li jopera lejn jew mill-portijiet Komunitarji. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni tista' ttipponi, jekk meħtieġa, emendi għalbiex tiżgura t-tnaqqis aċċelerat tal-kontribuzzjoni mill-bastimenti li ma jtajrux il-bandiera ta' Stat Membru għall-preżenza tal-komposti ta' ħsara ta' l-anti-fouling fl-ibħra taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri.

⁽¹⁾ ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1.



Artikolu 11

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNEX I

Il-ħtiġiet tal-perizji u ċ-ċertifikazzjoni għas-sistemi ta' l-antifawling fuq il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru

1. Il-perizji

- 1.1. Il-bastimenti ta' 400 tonnallata metrika grossi, minbarra l-pjattaformi fissi jew galleġġjanti, l-FSUs u l-FPSOs, għandhom, mill-1 ta' Lulju 2003, ikunu bla ħsara għal dan li ġej:
 - (a) perizja inizjali qabel ma l-bastimenti jiddaħħal għax-xogħol jew meta l-bastiment jidħol għall-ewwel darba f'baċin mingħajr ilma sabiex jiġu applikati sistemi ta' l-*antifouling*; u
 - (b) perizja meta s-sistemi ta' l-*antifouling* jiġu mbiddla jew mibdula. Dawn il-perizji għandhom jiġu endorsjati fuq iċ-ċertifikat meħtieġ skond il-punt 2.1.
- 1.2. Il-perizja għandha tkun hekk li tiżgura illi s-sistema ta' l-*antifouling* tikkonforma fis-siġħ ma l-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament.
- 1.3. Il-perizji għandhom jiġu mwettqa mill-uffiċjali awtorizzati kif mistħoqq mill-amministrazzjoni ta' l-Istat Membru, jew ta' Stat Membru ieħor, jew ta' parti għall-Konvenzjoni AFS, jew minn perit innominat għal dan il-għan minn waħda minn dawn l-amministrazzjonijiet, jew minn organizzazzjoni rikonossuta li taġixxi f'isem l-amministrazzjoni.
- 1.4. Għajr jekk ipprovdut xorta oħra f'dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom rigward il-perizji imsemmija fil-punt 1.1 isegwu l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS, kif ukoll mal-linji gwida għall-perizji u ċ-ċertifikazzjonijiet tas-sistemi ta' l-*antifouling* annessi mar-Riżoluzzjoni ►M1 MEPC 102(48) ◄, adottata fil-11 ta' Ottubru 2002 mill-Kumitat tal-Protezzjoni ta' l-Ambjent Marin ta' l-IMO.

2. Iċ-ċertifikazzjon

- 2.1. Wara t-tkomplija tal-perizja imsemmija fil-punt 1.1 (a) jew (b), Stat Membru li jkun għadu mhux Parti għall-Konvenzjoni AFS għandu jgħodġ ċertifikat skond il-format stabbilit fl-Anness II. Stat Membru li huwa Parti għall-Konvenzjoni AFS għandu jgħodġ Ċertifikat AFS.
- 2.2. Stat Membru jista' jafda Dikjarazzjoni AFS tal-Konformità għall-wiri tal-konformità mal-ħtiġiet ta' l-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament. Ċertifikat imsemmi fil-punt 2.1 għandu jieħu l-post ta' din id-Dikjarazzjoni AFS l-iktar tard sa sena wara d-data imsemmija fil-punt 1.1.
- 2.3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu illi bastiment imsemmi fil-punt 1.1 iġorr ċertifikat maħruġ skond il-punt 2.1.
- 2.4. L-Istati Membri għandhom, għall-għanijiet ta' ċ-ċertifikazzjoni imsemmija fil-punt 2.1, isegwu l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness 4 tal-Konvenzjoni AFS.



ANNESS II

Il-Formoli taċ-ċertifikat u tar-reġistrazzjoni tas-sistemi ta' l-antifouling

Id-ċertifikat internazzjonali u r-reġistrazzjoni tas-sistemi ta' l-antifouling għandhom jiffasslu fl-għamla ddikjarata hawn taħt.

Meta dawn il-formoli jintużaw biss għall-bastimenti li ma jkunux għew issottomessi għall-ħtiġiet tal-perizja u ċ-ċertifikazzjoni tar-regolament 1 ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS, ir-referenzi jistgħu jiġu mħassra.

IĊ-ĊERTIFIKAT INTERNAZZJONALI TAS-SISTEMA TA' L-ANTIFOULING

(Dan iċ-ċertifikat għandu jkun supplimentat b'reġistrazzjoni tas-sistemi ta' l-antifouling)

(It-Timbru uffiċjali) (L-Istat)

Maħruġ taħt id-disposizzjonijiet [tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-kontroll tas-sistemi ta' l-antifouling u] ⁽¹⁾ tar-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti

taħt l-awtorità tal-Gvern ta'

(l-Isem ta' l-Istat)

minn

.....

(il-persuna jew l-organizzazzjoni awtorizzata)

Meta jkun inħareġ ċertifikat qabel, dan iċ-ċertifikat jieħu l-post taċ-ċertifikat li jgħorr id-data ta'

Il-Partikolaritajiet tal-bastiment ⁽²⁾

L-isem tal-bastiment:

In-numru distintiv ta'

l-ittri:

Il-Port tar-reġistrazzjoni:

It-tunnellaġġ gross:

In-numru ta' l-IMO ⁽³⁾:

Ma ġietx applikata sistema ta' l-antifouling ikkontrollata taħt [l-Anness 1 mal-Konvenzjoni u] ⁽¹⁾ ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 matul jew wara l-bini ta' dan il-bastiment ☐

Ġiet applikata qabel fuq dan il-bastiment sistema ta' l-antifouling kkontrollat skond [l-Anness 1 mal-Konvenzjoni u] ⁽¹⁾ ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 qabel l-1 ta' Jannar 2003, iżda tneħħiet minn (data) ☐

Ġiet applikata qabel fuq dan il-bastiment sistema ta' l-antifouling skond [l-Anness 1 tal-Konvenzjoni u] ⁽¹⁾ ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 imma tgħatta b'kiswa siġillanti applikata minn (data) (daħħal l-isem tal-faċilità) (data) ☐

Ġiet applikata fuq dan il-bastiment sistema ta' l-antifouling taħt [l-Anness 1 mal-Konvenzjoni u] ⁽¹⁾ ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 qabel l-1 ta' Jannar 2003, iżda trid titneħħha jew imgħottija b'kiswa ta' siġillant qabel l-1 ta' Jannar 2008 ☐

⁽¹⁾ Jista' jiġi mħassar għall-bastimenti li ma jgħux issottomessi għall-ħtiġiet tal-perizja u ċ-ċertifikat tar-Regolament 1 ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS.

⁽²⁾ Alternattivament, il-partikolaritajiet tal-bastiment jistgħu jitqiegħdu f'kaxxi orizzontalment.

⁽³⁾ Skond l-Iskema ta' l-Identifikazzjoni tan-Numru tal-Bastiment adottata mill-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima.

▼B

DAN IĊ-ĊERTIFIKAT JURI ILLI:

1. Saret il-perizja tal-bastiment skond [ir-Regolament 1 ta' l-Anness mal-Konvenzjoni AFS u] ⁽¹⁾ ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti; u
2. il-perizja li sistema ta' l-*antifouling* tħares il-ħtiġiet applikabbli [tar-Regolament 1 ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS u] ⁽¹⁾ tar-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti.

Maħruġ fi
(il-Post tal-ħruġ taċ-Ċertifikat)

.....
(Data tal-ħruġ) (Firma ta' l-uffiċjal awtorizzat li joħroġ iċ-Ċertifikat)

Id-Data tat-tkomplija tal-perizja li fuq il-bażi tagħha dan iċ-ċertifikat huwa maħruġ

⁽¹⁾ Jista' jiġi mħassar għall-bastimenti li ma jiġux issottomessi għall-ħtiġiet tal-perizja u ċ-ċertifikat tar-Regolament 1 ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS.



REKORD TAS-SISTEMI ANTIFOULING

Dan ir-rekord għandu jkun mehmuż b'mod permanenti maċ-Ċertifikat Internazzjonali tas-Sistema Antifouling

Partikolaritajiet tal-bastiment:

Isem il-bastiment:

Numru jew ittri distintivi:

Numru IMO:

Dettalji tas-sistema(i) antifouling applikati

Tip(i) ta' sistema(i) antifouling użati:

Data(i) ta' applikazzjoni tas-sistema(i) ta' antifouling:

Isem(ismijiet) tal-kumpannija(i) u faċilità(jiet)/post(ijiet) meta applikata:

Isem(ismijiet) tal-manifattur(i) tas-sistema antifouling:

Isem(ismijiet) u l-kulur(i) tas-sistema(i) antifouling użati:

Ingredjent(i) attiv(i) u n-Numru tar-Reġistru tas-Servizz Astratt Kimiku (numru(i) SAK):

Tip(i) ta' kisja siġillanti, jekk applikabbli:

Isem(ismijiet) u kulur(i) tal-kisja siġillanti applikata, jekk applikabbli:

Data ta' l-applikazzjoni tal-kisja siġillanti:

DAN JIĊĊERTIFIKA li r-rekord huwa għal kollox korrett.

Maħruġ fi
(Post ta' ħruġ tar-rekord)

.....
(Data tal-ħruġ) (Firma ta' l-uffiċjal awtorizzat li joħroġ ir-rekord)



L-Endorsjar tar-Reġistrazzjonijiet ⁽¹⁾

DAN JIĊĊERTIFIKA ILLI perizja meħtieġa skond [ir-Regolament 1(1)(b) ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni u] ⁽²⁾ il-punt 2.1 ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-orgatin fuq il-bastimenti sabet illi l-bastiment kien iħares [il-Konvenzjoni u] ⁽²⁾ ir-Regolament.

Id-Dettalji tas-sistema/i ta' antifouling applikata/i

It-tip/i tas-sistema/i ta' antifouling użat/i:

Id-Data/i ta' l-applikazzjoni tas-sistema/i ta' l-antifouling:

L-Isem/ismijiet tal-kumpanija/i u l-faċilità/ajiet meta applikabbli

.

L-Isem/ismijiet tal-fabbrikant/i tas-sistema ta' l-antifouling:

L-Isem/ismijiet u l-kulur/i tas-sistema/i ta' l-antifouling:

L-ingredjent/i attiv/i u n-numru/i tagħhom tas- SAK

It-Tip/i tal-kisja tas-siġillant applikat, jekk japplika

L-Isem/ismijiet u l-kulur/i tal-kisja tas-siġillant applikat, jekk japplika

Id-Data ta' l-applikazzjoni tal-kisja tas-siġillant

Iffirmat

(Il-Firma ta' l-uffiċjal awtorizzat li joħroġ ir-Reġistrazzjoni)

Il-Post:

Id-Data ⁽³⁾:

(Is-siġill jew it-timbru ta' l-awtorità)

⁽¹⁾ Din il-paġna tar-Reġistrazzjoni għandha tiġi riprodotta u miżjuda mar-Reġistrazzjoni kif meqjusa meħtieġa mill-amministrazzjoni.

⁽²⁾ Jista' jiġi mħassar għall-bastimenti li ma jiġux issottomessi għall-ħtiġiet tal-perizji u ċ-ċertifikazzjoni tar-Regolament 1 ta' l-Anness 4 mal-Konvenzjoni AFS.

⁽³⁾ Id-data tat-tkomplika tal-perizja li fuq il-bażi tagħha huwa magħmul dan l-endorjar.



ANNEX III

**ID-DIKJARAZZJONI DWAR IS-SISTEMA TA' L-ANTIFOULING GĦALL-BASTIMENTI
TA' TUL TA' 24 METRU U IKTAR, IMMA INQAS MINN 400 TUNNELLATA METRIKA
GROSSI**

Imfassla skond

ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti

L-isem tal-Bastiment

In-Numru distintiv jew l-ittri distintivi:

Il-Port tar-Reġistrazzjoni:

It-Tul:

It-tunnellagg gross:

In-Numru ta' l-IMO (jekk japplika)

Jiena niddikjara illi s-sistema ta' l-antifouling użata fuq dan il-bastiment tħares l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti ta' l-organotin fuq il-bastimenti.

.
(Id-Data) (Il-Firma tas-sid jew ta' l-aġent awtorizzat tas-sid)

L-Endorsjar tas-sistema/i ta' l-antifouling applikata/i:

Il-tip/i tas-sistema/i ta' l-antifouling użata/i u d-data/i ta' l-applikazzjoni

.
(Id-Data) (Il-Firma tas-sid jew ta' l-aġent awtorizzat tas-sid)

Tip(i) ta' sistema(i) antifouling użati u d-data(i) ta' applikazzjoni

.
(Id-Data) (Il-Firma tas-sid jew ta' l-aġent awtorizzat tas-sid)

Tip(i) ta' sistema(i) antifouling użati u d-data(i) ta' applikazzjoni

.
(Id-Data) (Il-Firma tas-sid jew ta' l-aġent awtorizzat tas-sid)